**Anna Gauci**

**Vs**

**Matthaeus Grasso in rapprezentanza ta' 'A New, Better Life'.**

CCT 137/23/CC

Illum 17 ta' Jannar, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-2 ta' Awissu 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €99 (disa' u disghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnha lil 'A New, Better Life' relatat ma' Meal Plan minn fuq reklam fuq pagna ta' *Facebook.*

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta b'diversi dokumenti annessi.

Illi fis-seduti skedati ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet, dehret biss r-rikorrenti, filwaqt li l-intimat baghat jinforma lit-Tribunal bin-nuqqas ta' dehra tieghu, tramite posta elettronika.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti, tixhed bil-gurament fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li fid-29 ta' Mejju 2023, fis-sitta ta' filghaxija r-rikorrenti xtrat 'Meal Plan' minn fuq pagna ta' Facebook. Hija hallset l-ammont ta' €99 (disa' u disghin ewro) permezz ta' Revolut. L-attrici dakinhar filghaxija stess, irceviet telefonata bi spjegazzjoni rigward il-Meal Plan. Inoltre r-rikorrenti kellha tircievi d-dettalji ulterjuri permezz ta' email.

Illi l-gurnata ta' wara, fit-30 ta' Mejju 2023 ir-rikorrenti infurmat lil intimat li hija ma kienetx irceviet id-dettalji, u hija giet infurmata li kien mehtieg li hija timla' l-kwessjonarju relattiv. Ir-rikorrenti tispjega li hija ma kienetx irceviet il-kwessjonarju.

Illi r-rikorrenti tispjega ulterjorment li dakinhar stess, u cioe fit-30 ta' Mejju 2023 hija kienet infurmat lil intimat li ma xtaqitx tibda l-Meal Plan, u xtaqet li tinghata r-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €99 (disa' u disghin ewro) li hija kienet hallset. Ir-rikorrenti giet infurmata li ma setghetx tinghata l-flus lura.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti tixhed bił-gurament fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023, u ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pprezentata kemm mir-rikorrenti, kif ukoll mill-intimat, huwa tal-fehma li t-talba avvanzata mir-rikorrenti hija gustifikata u timmerita akkoljiment.

Illi jirrizulta li f'inqas minn erba' u ghoxrin siegha minn meta r-rikorrenti ghaddiet il-pagament, hija tat avviz li hija trid tikkancella, u ghalhekk l-istess rikorrenti ma bbenefikat mill-ebda servizz moghti mill-intimat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrenti u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' €99 (disgħa u disgħin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru